MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 215/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Reuben Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta’ Dicembru, 2001, ghall-habta ta’ l-4.30 p.m. fi Triq Dun Karm Psaila, B’Kara, saq vettura nru. CBG-676:
1) minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
2) saq l-istess vettura b’giri aktar milli jmissu;
3) b’manjiera perikoluza;
4) traskurata;
5) b’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti kkaguna hsarat involontarji fuq arblu tad-dawl, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
6) fl-istess incident involontarjament ikkaguna hsarat involontarji fuq il-vettura nru. BAR-046, ghad-dannu ta' Albert Mifsud;
7) involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Norman Galea skond kif iccertifika Dr. Johan Craus M.D. ta' St. Luke' Hospital;
8) u aktar saq, ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' l-imsemmija vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
9) u aktar saq l-istess vettura wara li kkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u l-Artikoli 226, 328(d), u 17 tal-Kap. 9, ma sabitx lill-imputat hati tas-seba' w d-disa' akkuza izda sabitu hati tal-akkuzi l-ohra w ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur kif ukoll ordnat lill-imputat li jkun skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tal-l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) u mhux hati ta' l-akkuzi numri sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9), tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi numru wiehed (1), u konsegwentement tilliberah mill-piena inflitta fuq din l-akkuza u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ; 2.li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi fuq il-kwistjoni jekk l-appellant kienx kopert b' polza ta' sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni ; u 3. li l-piena ta' tlitt xhur prigunerija kienet eccessiva w harxa izzejjed ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Semghet ix-xhieda mil-gdid fil-kors tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2004 ;

Rat il-verbal ta' Dr. Chris Busietta ghall-appellant li bih iddikjara li ghalkemm bi zball kien assuma li l-appellant kien gie liberat mit-tmin (8) akkuza mentri fil-fatt mill-qari tas-sentenza jidher li kien instab hati taghha , xorta wahda hu ma kienx qed jappella mis-sejbien ta' htija dwar it-tmin akkuza ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat .

Illi jidher li l-appell hu limitat biss fuq is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' sewqan minghajr ma kien kopert b' polza tas-sikurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni kif ukoll dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata .

Illi l-provi dwar l-ewwel imputazzjoni li din il-Qorti regghet semghet mill-gdid kienu s-segwenti :-

**MARIA HARVEY** , li tahdem mall-Elmo Insurance xehdet li hi kienet harget polza ta' assikurazzjoni lill-appellant fuq karozza Honda Prelude CBG-676 fid-29 ta' Marzu, 2001 u peress li l-prezz tal-insurance kien f' ammont gholi ta' LM560 , kien sar ftehim li l-hlas tal-premium isir f' erba' darbiet , pagament kull xahar L-appellant kien ghamel

pagament wiehed pero' wara ma baqax ihallas ghalkemm ghadda z-zmien. Kienu avvzawh u wara hassrulu l-policy . Wara gara l-accident . L-appellant kien inghata cans biex ihallas il-policy sal-15 ta' Dicembru, 2001 u fis-16 ta' Dicembru, 2001 , il-polza thassret. Ghalkemm huma kienu nfurmaw b' dan b'ittra lill-appellant li ggib id-data tas-17 ta' Dicembru, 2001, pero' kien sar ftehim fl-ufficcju taghhom u l-Financial Controller Michael Palmier kien avvza lill-appellant li jekk ma kienx sar imur ihallas sal-15 ta' Dicembru, 2001, il-policy tieghu kienet ser tigi kancellata . Hi ma tafx l-ittra li batu lill-appellant kienetx registrata . In kontroezami ix-xhud qablet li l-appellant kien ghamel pagamenti fid-29 ta' Marzu, 3 ta' Lulju, u fis-7 ta' Novembru, 2001 . Ma jidhirlix li l-Elmo kienu fethu xi kawza fil-Qorti biex ihassru l-polza. Ic-Certificate of Motor Insurance ma kienx hadulhom lura l-appellant. Fit-31 ta' Dicembru, 2001, l-appellant ma kienx kopert b' polza.

**MICHAEL PALMIER**, financial controller ta' Elmo Insurance , xehed li ghalkemm l-appellant kien hallas xi pagamenti "on the way", ma kienx hallashom meta suppost . Kien allura baghat ghalih u qallu li jekk ma jhallasx f' certu data, l-polza tieghu kienet ser tigi kancellata . Kien qabbad lill-Maria Elena Pisani biex iccempillu ukoll meta kien ser jaghalaq iz-zmien li jidhirlu kien il-15 ta' Dicembru, 2001 imma ma kienx prezenti meta din cemplitlu . Fil-file kien hemm endorsement li kien jghid li b'effett mis-16 ta' Dicembru, 2001 il-polza kienet qed tigi terminata. Wara li kien ghamel pagament , l-appellant kellu jerga jmur fil-15 ta' Dicembru , 2001 biex ihallas il-kumplament. Huma la kienu ghamlu kawza u lanqas baghtu xi ittra ufficjali biex jitterminaw il-polza.

**HARRY BORDA** , Manager fil-Motor Department, xehed li wara li l-appellant kien inghata certu zmien biex ihallas u ma hallasx il-premium , u fl-ahhar tawh sal-15 ta' Dicembru, 2001 biex ihallas il-bilanc u dan m'ghamlux, il-file inghata lilu biex ihassar il-policy izda l-appellant kien mar u kiseb arrangament iehor. Meta rega' ma hallasx regghu ghaddewlu l-file biex ihassar il-policy . Huma kienu avvzaw kemm lill-appellant bil-miktub kif ukoll lill-Pulizija bit-thassir tal-policy. Pero' lill-Pulizija kienu

kitbulhom meta kienu hassru il-polza l-ewwel darba Imbaghad gara l-accident fil-31 ta' Dicembru, 2001. Dak in-nhar il-pozizzjoni maghhom kienet li l-policy kienet nulla. Ma jafx jekk l-ittra li baghtu fis-17 ta' Dicembru, 2001 lill-appellant kienetx registrata. Ma kienux ghamlu kawza civili biex ihassru l-polza jew baghtu xi ittra ufficjali . Cancellation normali baghtu.

**L-APPELLANT** xehed li veru kienu kkancellawlu l-policy f' Novembru, 2001 imma mbaghad kien rega' mar u hallas pagament u regghu fethulhielu u l-car kienet assikurata sal-"last of January". Kien baqa' ammont bilancjali zghir ta' LM93 li hu kellu jhallas f' Jannar, 2002. Hu qatt ma rceva l-ittra li l-insurance suppost batitlu fis-17 ta' Dicembru, 2001 . Ic-Certificate of Insurance baqa' ghandu . Hu ma rceva ebda ittra ufficjali w kull ma rceva kien ittra mill-insurance f' Novembru, 2001. Lilu tal-insurance ma kienux qalulu li jekk ma jhallas sa' Dicembru, 2001 , ser jikkancellawlu l-polza .

Ikkonsidrat ;

Illi skond l-artikolu 3 (1) tal-Kap.104 , hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba , ghall-uzu tal-vettura minnu ma tkunx issehh polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza . Imbaghad skond l-artikolu 2 *"polza ta' sigurta"*' hija defenita bhala polza ta' sigurta' jew *covering note* li tkun mahruga minn assiguratur awtorizzat .

Illi fil-kaz in ezami , jidher li fil-fatt kienet inharget polza t' assikurazzjoni minn assikuratur awtorizzat u li l-appellant kien inghata certificate of insurance u li dan kien ghadu fil-pussess tieghu meta gara l-incident in dizamina. Id-ditta assikuratrici pero' qed issostni li hi kienet annullat il-polza gimghatejn qabel l-incident minnhabba inadempjenza fil-hlas tal-bilanc tal-premium da parti tal-appellant. Issa minn ezami tal-artikolu 10 tal-Kap.104 , jemergu certi konsiderazzjonjiet li jistghu ikunu rilevanti ghal dan il-kaz.

Dan l-artikolu jiddisponi li jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' lil persuna li tkun hadet il-polza, jigri xi event dannuz u tigi moghtija sentenza mill-Qrati Civili kontra l-persuna assikutata ghad-danni konsegwenzjali, minkejja li l-assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar il-polza,jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa xorta jkun obbligat jinndenniza lid-daneggjati skond dik is-sentenza . Il-ligi mbaghad issemmi certi kazijiet fejn dan l-obbligu jintemm. Kaz minnhom hu dak kontemplat fis-sub-inciz (2) ( c ) u cioe' jekk qabel ma jigri l-event dannuz, il-polza kienet lahqet giet imhassara mill-partijiet **bil-kunsens ta' xulxin** jew bis-sahha tal-kondizzjonijiet li jkun hemm fl-istess polza. Izda, biex dan javverra ruhu, **c-certifikat tal-assikurazzjoni irid ikun gie moghti lura** lill-assikuratur awtorizzat . U fejn dan ic-certifikat ma jkunx hekk gie moghti lura mill-assikurat , l-assikuratur awtorizzat irid ikun **beda' procediment taht l-Ordinanza** fi zmien erbatax il-jum minn meta jibda' l-effett tat-thassir tal-polza.

Issa f' dan il-kaz, ghalkemm l-impjegati u funzjonarji tas-socjeta' assikuratrici xehdu li l-polza kienet lahqet giet xolta meta sehh l-incident de quo , johrog car mix-xhieda taghhom li, jekk stess kien hekk, l-polza ma kienetx giet imhassra bil-kunsens taz-zewg partijiet u , jekk stess setghet tigi imhassara skond il-kondizzjonijiet tal-polza – haga li din il-Qorti ma setghetx tivverifika ghax il-polza ma gietx esebita - sad-data tal-incident ic-certifikat tal-assikurazzjoni ma kienx ghadu nghata lura lis-socjeta' assikuratrici. Lanqas ma jirrizulta li din is-socjeta' kienet bdiet xi procediment fil-Qorti Civili minhabba li ma kienx gie moghti lura c-certifikat tal-assikurazzjoni mill-appellant entro z-zmien stipulat fl-artikolu 10 (2) ( c ) (iii) tal-Kap.104.

In vista' ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja l-kwistjoni kollha interna bejn l-appellant u s-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance, ladarba kienet lahqet harget polza favur l-appellant u ma sehhewx ir-rekwiziti msemmija taht l-artikolu 10 fuq imsemmi, fid-data tal-incident dik il-polza kienet ghada vigenti w tkopri r-riskji ghal terzi persuni ghall-fini tal-Kap.104 , salv imbaghad ir-

relazzjonijiet interni bejn l-assikuratur awtorizzat u l-appellant assikurat, “*si et quatenus*” . Ghalhekk isegwi li fid-data tal-incident in ezami, fil-fatt l-appellant kien ghall-fini tal-Kap.104 kopert b’ polza tas-sikurta’ kontra r-riskji ta’ terzi u kwindi l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata w ghandu jigi liberat minnha.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena , dan jidher li hu limitat ghall-piena ta’ tlitt xhur prigunerija li ghaliha gie sentenzjat mill-Ewwel Qorti. Ir-raguni li jgib l-appellant ghala ghandu jinghata piena inqas hi li hu ghandu **fedina penali netta** w ghalhekk imissu gie trattat bhala **“first time offender**” u minnflok sentenza ta’ prigunerija , il-Qorti setghet timponi multa. .

Illi pero’ jidher li din is-sottomissjoni hija wahda zbaljata u mibnija fuq premessa falza u qatt ma messha saret kieku min iffirma r-rikors tal-appell ivverifika sew dak li kiteb qabel ma kitbu . Kieku mhux ghaliex hemm il-possibilita’ li seta’ gie ingannat mil-appellant , din il-Qorti kienet tkun propensa li tiehu passi kontra d-difensur ghall-iffirmar ta’ dan il-fatt manifestament falz .

Di fatti mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li fl-14 ta’ Dicembru, 1992, l-appellant kien gie misjub hati ta’ serq mill-Knisja tan-Naxxar u gie moghti sentenza ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghall-erba snin u multa ta’ LM500. Fit-2 t’ Ottubru, 1996 gie misjub hati li ta partikolaritajiet foloz lil Pulizija w kiser il-paci pubblika w qal kliem oxxen. Imbaghad fis-17 ta’ Frar, 2003, instab hati talli fl-10 ta’ Lulju, 2002, ghamel qliegh b’qerq , cioe’ frodi “bir-raggieri” u gie kundannat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

Illi jidher li minkejja li kien gja, nghata l-beneficcju tas-sentenza ta’ prigunerija sospiza ghall-darbtejn , l-appellant xorta baqa’ ghaddej bil-hajja tieghu refrattarja u “disregard for the law” tant li dak in-nhar tal-incident , fost it-tifrik tal-karozza tieghu w taht is-seat tax-xufier, sahansitra nstabet pistola awtomatika w munizzjon . Hu veru li hu ma giex akkuzat b’dan il-fatt f’ din il-kawza , pero’ wiehed ma jistax ma jirriflettix x’ kienet qed taghmel arma micidjali taht is-

seat tieghu dak il-hin? Altru milli fedina penali netta u “first offender”. Ghalhekk, apparti li din il-piena kienet certament entro l-parametri legali , l-Ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata li f’ dan il-kaz partikolari tapplika l-piena karcerarja.

Pero’ in vista tal-fatt li mhux qed tinstab htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni , jidher li hemm lok ta’ riduzzjoni fil-piena kif ser jinghid hawn taht.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b’ dan li qed tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu ghall-tlitt xhur prigunerija u minnflok ma ssibux hati tal-ewwel imputazzjoni ta’ sewqan bla ma kien kopert b’polza tas-sigurta’ kontra r-riskji ta’ terzi w minnha tilliberah u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien xaharejn u hmistax il-jum u tikkonfermaha ghall-kumplament inkluz fejn ordnat l-iskwalifika tal-appellant milli jzomm licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ tlitt xhur , liema periodu ghandu jibda jiddekorri minn-nofs il-lejl tal-lum .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------